**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Frar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 544/16AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi r-rikorrenti zzewgu f'Malta nhar is-sitta ta' Gunju tas-sena elf dia mija u tlieta u disghin (06.06.1993) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv zero zero zero sebgha erbgha zero erbgha(0007404), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok AF1.**

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi r-rikorrenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Eric Wadge fil-hamsa u ghoxrin t'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (25.08.2005) (kopja tal-kuntratt hawn anness u markat bhala **Dok AF2**)

4. Illi l-partijiet ilhom separati minn dak iz-zmien. Illi ghalhekk huma ilhom separati ghal aktar minn erba' snin skond l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

6. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw ukoll li huma ddekadaew mill-mantneiment lejn xulxin.

7. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi sabiex jinghata d-divorzju u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(A) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(B) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-25 ta' Awwissu, 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.